# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**- REVOKA MANDAT KAWTELATORJU -**

**- IPOTEKA SPECJALI BHALA GARANZIJA XIERQA -**

**- ARTIKOLU 836 (1) (C) KAP. 12 -**

## Illum 5 ta' Novembru 2015

Rikors nru. 163/15 RGM

Kawza fil-lista: 1

**Rikors ta' Anton Borg ghar-Revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju numru 154/15 fl-ismijiet:-**

**Dr. Patrick Valentino bhala mandatarju specjali ta'**
**Linda Susan Holm**
**vs**
**Anton Borg**

**Il-Qorti,**

**Preambolu**.

Rat ir-**rikors ta' Anton Borg** intavolat fl-20 ta' Lulju 2015 li jaqra kif gej:-

1. "Illi fit-8 ta' Lulju 2015, dina l-Onorabbli Qorti ordnat il-hrug ta' mandat ta' sekwestru bin-numru 154/2015 kontra l-konvenut Anton Borg, in kawtela ta' sorti ta' tletin elf Ewro (€30,000), imghax u spejjez rizervati, dovuti mill-konvenut bhala arretrati ta' manteniment ghal ulied kif kwantifikati permezz ta' sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti fl-4 ta' Dicembru 2014.

2. Illi l-attrici diga ntavolat mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 96/2015 fl-20 ta' April 2015 fuq kawzali identiku ghall-kawzali mertu tal-mandat odjern. Dana l-ewwel mandat bin-numru 96/2015 gie revokat permezz ta' sentenza datata 8 ta' Lulju 2015.

3. Illi mil-lat procedurali, il-konvenut jirrileva li ma gietx osservata r-regola kkontemplata fl-Artikolu 836(5) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fis-sens illi ma jistax jinhareg att kawtelatorju iehor biex jiggarantixxi l-pretensjoni kontra l-esponenti li kontrih l-att kawtelatorju hekk revokat ikun inhareg.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, hemm ksur tal-Artiklu 843 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta'Malta.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attrici ma wzatx il-procedura idoneja u korretta sabiex tipprova tesegwixxi parti mis-sentenza moghtija fl-4 ta' Dicember 2014.

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi rilevat li skond is-sentenza moghtija fl-4 ta' Dicembru 2014, a pagna 25, l-Onorabbli Qorti ddecidiet bil-mod segwenti ossia: *"ii. L-ammont ta' €30,000 rapprezentanti f'arretrati ta' manteniment ghall-ulied. Tali ammont irid jithallas mir-rikorrent fi zmien xahar mid-data li din is-sentenza tkun res judicata jew inkella minn sehem l-istess rikorrent mir-rikavat mad-dar matrimonjali u l-garaxx gewwa l-Mellieha*;" Ghalhekk l-attrici taf ben tajjeb li dana l-mandat ghamlitu intempestivament.

7. Illi minbarra l-fatt li s-sentenza tal-4 ta' Dicembru 2014 mhiex *res judicata* (kif ser jigi spjegat iktar l-isfel), mill-istess sentenza jirrizulta li l-ammont pretiz mill-attrici hu adegwatament kawtelat bis-sehem tal-konvenut mir-rikavat tal-bejgh tad-dar matrimonjali u tal-garaxx gewwa l-Mellieha. Illi ghal kull buon fini jigi rilevat li, kif del resto jirrizulta mis-sentenza tal-4 ta' Dicembru 2014 fl-ismijiet Anton Borg vs Susan Linda Holm Borg (53/2010), il-partijiet qabblu li d-dar matrimonjali u l-garaxx ghandhom valur ta' 160,000 Ewro.

8. Illi ghalhekk, l-attrici mhux se ssofri ebda pregudizzju jekk il-mandat de quo ma jibqax in vigore, ghal kuntrarju l-pregudizzju qed isofrih il-konvenut peress illi l-mandat de quo inhareg ukoll fuq is-salarju tieghu minbarra fuq numru ta' banek u ghalhekk il-konvenut mhux ha jkun jista' jlahhaq mal-pagamenti kollha li jrid jaghmel fosthom lill-bank ghall- pagament versu s-self fuq id-dar matrimonjali, mal-pagament ta' manteniment ghall-ulied li qed jaghmel kull xahar kif ordnatlu l-Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha tal-4 ta' Dicembru 2014, ma' pagamenti ohra sabiex jista' jmantni lilu nnifsu u kif ukoll pagamenti ohra.

9. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, huwa importanti li dina l-Onorabbli Qorti tkun ghal korrenti tal-isfond tal-proceduri li saru wara li nghatat

is-sentenza tal-4 ta' Dicembru 2014 imsemmija mill-attrici fir-rikors ghal hrug tal-mandat de quo. Wara li nghatat dina s-sentenza, il-konvenut induna li l-Ewwel Qorti ghamlet zewg zbalji ta' kalkolu u ghalhekk intavola rikors ai termini tal-Artiklu 825 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. L-Ewwel Qorti degretat dana r-rikors izda b'sorpriza kbira ma laqghetx it-talba tal-konvenut. Zewg rikorsi wara, l-Ewwel Onorabbli Qorti ammettiet li ghamlet zball ta' kalkolu wiehed izda baqghet tinsisti li l-kwistjoni l-ohra mhiex zball ta' kalkolu u strahet fuq ir-risposta tal-attrici, minkejja li f'tali risposta tqajjmu punti li qatt ma gew accennati fis-sentenza tal-4 ta' Dicembru 2014. In vista ta' dana, il-konvenut intavola rikors ta' appell mis-sentenza tal-4 ta' Dicembru 2014. Fl-istess hin, biex ma jitlifx l-opportunita' fl-eventwalita' li l-Qorti tal-Appell tiddeciedi li ma hemmx appell minn decizjoni moghtija in segwitu ghal rikors maghmul ai termini tal-Artikolu 825(1), intavola kawza ta' ritrattazzjoni u sussegwentement, intavola wkoll rikors guramentat in kontradittorju tal-ahhar digriet moghti mill-Ewwel Onorabbli Qorti u li ghandu n-numru 52/2015.

10. Illi l-kwistjoni mertu ta' dawn il-proceduri appena elenkati fil-paragrafu precedenti jikkoncernaw x'ammont verament hallas il-konvenut Anton Borg rigwardanti s-self fuq id-dar matrimonjali bejn il-perijodu ta' April 2005 u Gunju 2011 in vista tal-fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti ddecidiet li l-attrici ghandha tirrifondi lill-konvenut nofs l-ammont li hu hallas lil bank.

11. Ghalhekk, u minghajr pregudizzju ghas-sottomissjonijiet precedenti, ghalkemm ma hemm ebda kontestazzjoni li l-ammont ta' 30,000 Euro huma dovuti lill-attrici per via ta' arretrati ta' manteniment ghall-ulied, jinghad li mid-decizjoni tal-4 ta' Dicembru 2014 u skond il-proceduri li ttiehdu mill-konvenut kif hawn fuq spjegat, li lkoll ghadhom pendenti, jirrizulta li l-attrici ghandha taghti lill-konvenut ferm iktar minn tletin elf Ewro u ghalhekk hemm lok li meta l-Qorti tiddecledi l-proceduri li ttiehdu mill-konvenut kif hawn fuq spjegat u sussegwentement tinbiegh id-dar matrimonjali u l-garaxx gewwa l-Mellieha, issir it-tpacija ta' dawna l-ammonti - anke in vista tal-fatt li l-attrici tghix barra minn Malta u ghandha hajja gdida barra minn Malta u l-konvenut ikollu jaffaccja diffikultajiet kbar biex jirkupra l-ammonti dovuti lilu minghand l-attrici fl-eventwalita' li tonqos milli thallsu. Dana qed jinghad ukoll peress illi l-konvenut m'ghandu ebda kuntatt mall-attrici u lanqas ma jaf fejn toqghod flimkien ma uliedhom. Ghalhekk, in vista tal-eventwalita' li l-attrici hi debitrici tal-konvenut f'ammont ferm ikbar minn €30,000, il-mandat ta' sekwestru de quo m'ghandux jibqa' in vigore. Inoltre, jekk ghall-argument jirrizulta li l-attrici ghandha taghti lill-konvenut l-ammont kif stipulat fis-sentenza tal-4 ta' Dicembru 2014, bi tpacija, l-ammont effettivament dovut lill-attrici huwa ferm inqas minn €30,000 u ghalhekk il-mandat de quo huwa ferm eccessiv.

12. Illi kif ser jirrizulta mit-trattazzjoni ta' dina l-kawza, ghandu jigi mpost fuq l-attrici penali xierqa hekk kif jikkontempla l-Artiklu 836(8) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, filwaqt li l-konvenut Anton Borg jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti tappunta u tisma' dana r-rikors b'urgenza, titlob li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 154/2015 fl-ismijiet fuq premessi jigi rrevokat a tenur ta' l-Artikolu 836( 1)( a), (b), (c), (d) u (f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u timponi penali xierqa fuq l-attrici favur tieghu a tenur ta' l-Artikolu 836(8)(a), (b), (c) u (d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-konvenut jitlob ulterjorment li jekk fl-eventwalita' li dina l-Onorabbli Qorti tiddeciedi li 1-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 154/2015 fl-ismijiet fuq premessi ghandu jibqa' in vigore, li in vista tal-premess, ma jibqax in vigore versu Pisciculture Marine de Malte Ltd ossia versu s-salarju tieghu.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk koncernanti l-mandat ta' sekwestru ismijiet fuq premessi, kontra l-attrici."

Rat ir-**risposta ta' Linda Susan Holm** intavolata fil-21 ta' Awissu 2015 li taqra kif gej:-

"Illi r-rikorrenti fl-ewwel lok jillanja illi a tenur ta' artikolu 836.5 tal-Kap 12 tal-Ligijijet ta' Malta, ma setax jinhareg il-mandat odjern peress illi l-ligi tispecflka illi ma jistax jinhareg mandat kawtelatorju iehor meta l-istess mandat ikun gie mill-Qorti revokat rninhabba xi raguni kif kontemplata fl-istess artikolu.

Illi dan assolutament ma huwiex il-kaz stante illi l-Onorabbli Qorti sabet illi l-istess mandat kien null peress illi ma gewx imharsa d-disposizzjonijiejt ta' artikolu 831.2 tal-Kap 12 u f' dana s-sens irriteniet 'hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi r-rikors tal-20 ta' April 2015 li wassal ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 96/15 ma jissodisfax ir-rekwizit impost ad validitatem mill-Artikolu 831 (2) tal-Kap. 12 stante li r-rikorrenti sekwestranti ma kkonfermatx bil-gurament taghha r-rikors minnha intavolat. Konsegwentement il-hrug tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju de quo huwa afflitt minn difett li ma hux sanabbli u ghalhekk huwa null u bla effett.

Illi ghalhekk una volta il-mandat ma giex revokat minhabba raguni kif kontemplatata f' artikolu 836, kienet korretta l-esponenti meta intavolat il-mandat mertu ta' dawn il-proceduri.

Illi r-rikorrenti jillanaja li hemm ksur ta' artikolu 843 tal-Kap 12 minghajr ma jittanta jidentifka x' inhu l-ksur li minnu qed jilmenta. L-esponenti umilment thoss illi bil-procedura intavolata bl-ebda mod ma waqghet in dispett tal-precitat artikolu;

Illi r-rikorrenti jilmenta illi l-esponenti ma wzatx il-procedura idonea. Jigi umilment rilevat illi 1-esponenti ma tistax tifhem x' qieqhed jinghad permezz ta' dan l-ilment.

Illi r-rikorrenti stess jkkoncedi illi s-sentenza li a bazi taqhha intalab l-hrug tal-mandat ghadha ma hijiex res judicata, ghalhekk ma jistax ukoll jinghad illi l-mandat gie intavolat intempestivament. X'jippretendi r-rikorrenti illi l-mandat jigi ntavolat meta wiehed jigi biex jesegwixxi u l-'ghasfur ikun tar'!

Illi bhal ma gie kostentement ritenut l-ezami li trid taghmel din l-Onorobbli Qorti meta rinfacciata bil-procedura odjerna, huwa li tara biss jekk prima facie tezistix il-pretensjoni li a bazi taghha intalab il-hrug tal-mandat. F' kaz kwazi identiku fejn l-intimat kien qed jillanja illi l-propjeta kolpita' b' mandat ta' inibizzjoni kienet tiswa ferm izjed mill-pretensjoni tar-rikorrenti, il-Qorti kienet irriteniet 'Tqis li 1-argumenti l-ohrajn imressqa minn AXTP biex il-Qorti taghzel biex ma tilqax it-talba tar-rikorrenti huma argumenti li joqoghdu fi procedura ohra li tista' titressaq lill-istess kumpanija intimata wara li jkun inhareg il-Mandat u mhux qabel; Tqis li, minbarra dan, bhala kejl ta' dan il-jedd prima facie, il-ligi timxi fuq il-pretensjoni, u mhux fuq jekk dik il-pretensjoni hijiex wahda misthoqqa jew meqjusa: dak hu biss xoghol il-qorti li quddiemha titressaq il-kawta fil-mertu; Tqis dwar il-pretensjoni ta' AXTP li l-gid milqut bit-talba ghall-hrug tal-Mandat jiswa hafna aktar mill-kreditu pretiz u kawtelat. Jekk dan huwa tabilhaqq minnu, il-ligi taghti lil AXTP rimedju procedurali xieraq, imma zgur mhux dak li zzomm milli jinnareg il-Mandat jekk kemm-il darba jikkonkorru l-elementi ghall-hrug tieghu;

Illi huwa ormai kostanti fil-gurisprudenza nostrali, illi l-mandati kawtelatorji inharqu mill-Qorti, jekk ikun prima facie jidher li l-jedd tal-persuna li jitolbu ikun jista jigi miksur jew pregudikat kemm il-darba l-att kawtelatorju ma jinharigx.

Illi jinsab ritenut 'l-istharrig mehtieg fi procedura bhal din huwa marbut ma ezami x'aktarx formali ta' l-att li tieghu qed jitalab it-thassir. Il-Qorti ghandha tisharreg li r-rekwisiti mitluba mil-ligi ghall-hrug tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nharigx b'mod abbusiv';

Illi minn dak li fuq inghad ma jistax ragionevolment jinqhad illi l-ammont mitlub ma huwiex prima facie gustifikat jew li huwa eccessiv. Illi fuq dan il-punt jinsab ritenut 'Illi biex ammont imsemmi f'att kawtelatorju jitqies li huwa eccesciv. jehtieg li jintwera li dan ikun esagerat fid-dawl tat-talba li ssir jew ikun tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t' ghajn Mela wiehed maghmul b'mod azzardat';

Illi fil-kaz odjern ir-rikorrenti stess jikkoncedi illi 'ma hemm ebda kontestazzjoni li l-ammont ta' €30,000 huma dovuti lill-attrici per via ta' arretrati ta' manteniment ghall-ulied u ghalhekk qed jirrikonoxxi illi l-pretensjoni ta' l-esponenti hija wahda gustifikata.

Illi umilment jinghad illi s-sottomissjonijiet dwar proceduri pendenti bejn il-kontendenti u jekk 1-ammont jistax jitnaqqas jew jigi pacut kif qed jigi allegat hija rrelevanti ghall-procedura odjerna peress illi dak huma mertu tal-Qorti li quddiema tkun qed tinstema l-kawza.

Illi finalment ir-rikorrenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex a tenur ta' artikolu 836.8 timponi fuq 1-esponenti l-penali hemm kontemplati. Ghal-liema raguni din it-talba qed issir ma jirrizultax mir-rikors promotur, fit-talba hemm biss l-artikolu citat minqhajr l-icken sforz da parti tar-rikorrenti sabiex jiggustifika l-istess talba. Huwa manifest illi artikoli 836.8, a, b u c ma japplikawx ghall-kontensjoni odjerna u ghalhekk b' eliminazzjoni jifdal biss id-'d' fejn huwa specifikat illi Qorti tista timponi penali jekk jirrizulta illi talba tar-rikorrent tkun wahda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja;

Illi sikurament dana ma huwiex il-kaz meta huwa koncess mir-rikorrenti stess illi l-ammont huwa dovut.

Illi finalment ghandu jinghad u ghall-kompletezza, illi gie ritenut mill-Qrati nostrali, illi sabiex jirrizulta li hemm abbuz, frivolosita' jew malizja 'tali abbuz jigi riskontrat biss f'kazijiet eccezzjonali u dan kwazi dejjem f'kazijiet ta' vessatorjeta' (Emanuele Calleja vs Carmelo Grima - Kollez. Vol. XXXlX.1.24) nascenti minn male fede jew dolo jew almenu negligenza gravament kolpuza (Agius vs Dott. Carbone noe. - Kollez. Vol. X. III. 434), fejn min ikun adixxa lill-Qorti ghall hrug ta' tali mandat kawtelatroju ikun ibbaza fuq Cirkostanzi manifesament 'priva di qualsiasi fondamento nell fatto e nel diritto per cui il gudizzjo promosso si dimostra vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a base dell' istanza e delle consequenze giuridiche che ne derivano non e' sufficiente a legittimare una domanda per danni da parte del vincitore nelle lite (mugliette vs Bezzina - Kollez. Vol. VVVl.l. 405)5;

Illi ghalhekk it-talbiet kif kontenuti fir-rikors promotur ma jistghux jigu akkolti.”

Semghat it-trattazzjoni tal-Avukati tal-partijiet fl-udjenza tat-30 ta’ Settembru 2015.

Rat l-atti kollha.

Rat li r-rikors thalla ghallum ghad-decizjoni.

Ikkunsidrat;

**Fatti Antecedenti r-Rikors**.

B'sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta moghtija fl-4 ta' Dicembru 2014 fl-ismijiet "Anton Borg vs. Linda Susan Holm et." gie *inter alia* deciz illi Anton Borg ghandu jhallas lil Linda Susan Holm is-somma ta' tletin elf ewro (€30,000) rapprezentanti arretrati ta' manteniment ghall-ulied. Jinghad hekk f'pagna 25 tas-sentenza: "***Tali ammont irid jithallas mir-rikorrent fi zmien xahar mid-data li din is-sentenza tkun res judicata jew inkella minn sehem l-istess rikorrent mir-rikavat mid-dar matrimonjali u l-garaxx gewwa l-Mellieha".***

Fl-istess sentenza il-Qorti ikkundannat lil Linda Susan Holm thallas lil Anton Borg (1) is-somma ta' €10,665.81 rapprezentanti self da parti ta' Angele Borg lil Linda Susan Holm li thallas minn Anton Borg; (2) is-somma ta' €5,753.84 rapprezentanti nofs il-hlas relattiv ghall-facilita' mal-HSBC (Bank) Malta plc ghall-perijodu bejn April 2005 u Gunju 2011; €2150.59 rapprezentanti nofs l-ispejjez tax-xogholijiet li saru da parti ta' Joseph Borg u Saviour Borg fid-dar matrimonjali, u ammonti ohrajn. Tali ammonti jridu jithallasu minn Borg lil Holm "***fi zmien xahar mid-data li din is-sentenza tkun res judicata jew inkella minn sehem l-istess rikorrent mir-rikavat mid-dar matrimonjali u l-garaxx gewwa l-Mellieha***".

Dik is-sentenza giet appallata minn Linda Susan Holm u l-appell jinsab pendenti.

Fl-20 ta' April 2015 Linda Susan Holm ipprezentat mandat ta' sekwestru kawtelatorju (nru 96/15) ghall-ammont ta' €30,000 liema mandat gie revokat b'decizjoni ta' din il-Qorti tat-8 ta' Lulju 2015 wara talba ta' Anton Borg peress li r-rizulta li r-rikors ghall-hrug tal-mandat kawtelatorju ma kienx konfermat bil-gurament mis-sekwestranti.

Fl-istess jum tat-8 ta' Lulju 2015 Dr Patrick Valentino bhala mandatarju specjali ta' Linda Susan Holm ipprezenta rikors iehor ottjena l-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju iehor ghas-somma ta' €30,000. Il-proceduri tallum jirreferu ghal dan l-ahhar mandat.

**Ragunijiet Imressqa ghat-Thassir tal-Mandat Kawtelatorju**.

**1. Mandat Kawtelatorju Inhareg Bi Ksur tal-Artikolu 836 (5) tal-Kap. 12**.

Jirrizulta illi b'decizjoni ta' din il-Qorti tat-8 ta' Lulju 2015 mandat kawtelatorju iehor ghall-istess ammont u fuq l-istess kawzali gie revokat inkwantu irrizulta li r-

rikors ghall-hrug tal-mandat kawtelatorju ma kienx gie kkonfermat bil-gurament mis-sekwestranti.

**Artikolu 836 (5) tal-Kap.** Jipprovdi illi:-

"*(5) Ma għandu jsir ebda appell u kontestazzjoni minn digriet li jilqa' rikors imsemmi fis-subartikolu (1), u dan id-digriet ikun finali u irrevokabbli; u barra l-każ kontemplat fis-subartikolu (1)(a) ebda att kawtelatorju bħal dak ma jista' jinħareġ biex jiggarantixxi l-pretensjoni kontra l-persuna li kontriha l-att kawtelatorju hekk revokat ikun inħareġ, kemm-il darba fir-rikors għall-ħruġ ta' dak latt kawtelatorju bħal dak ir-rikorrent ma jiddikjarax li jkunu nqalgħu ċirkostanzi minn meta ġie revokat l-att kawtelatorju ta' qabel, li jiġġustifikaw il-ħruġ ta' att kawtelatorju ġdid bħal dak li jkun ġie revokat, u d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom, ma' dan, japplikaw għal dak l-att kawtelatorju maħruġ mill-ġdid bis-saħħa ta' dak ir-rikors.*"

Anton Borg qed jikkontendi illi una volta l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju nru 96/15 gie revokat, allura ma kienx legalment possibbli li Linda Susan Holm tipprezenta rikors ghall-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju iehor.

Minn qari ta' dan is-sub-inciz appena citat huwa evidenti illi l-projbizzjoni li jinhareg mandat wara li jkun gie revokat mandat iehor fuq l-istess kawzali minghajr ma jkunu jirrizultaw cirkostanzi godda jirreferi ghal dawk il-kazijiet fejn il-mandat ikun gie revokat ghal xi wahda mir-ragunijiet kontemplati fis-sub incizi 1 (b) sa 1 (f) tal-Artikolu 836 tal-Kap. 12. Dawn is-sub incizi jirrefu ghas-segwenti cirkostanzi:-

"*(b) li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti;*

*(ċ) li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa lpretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għassodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed ilpretensjoni; jew*

*(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew*

*(e) jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-qorti li tkun biżżejjed; jew*

*(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.*"

Peress li r-raguni ghalfejn il-mandat kawtelatorju numru 96/15 gie revokat ma taqax taht wahda mic-cirkostanzi kontemplati fis-sub incizi imsemmija, ma jezistiex l-impediment kontemplat fl-Artikolu 836 (5). Ghalhekk din il-kawzali qed tigi respinta.

**2. Ksur tal-Artikolu 843 tal-Kap. 12**.

Is-sekwestrat jinvoka wkoll Artikolu 843 tal-Kap. 12 u jsostni li s-sekwestru de quo inhareg bi ksur tal-imsemmi artikolu li jipprovdi illi :

"(1) *Ir-rikorrent għandu jagħmel il-kawża għall-jedd imsemmi fil-mandat fi żmien għoxrin jum mill-ħruġ tal-mandat*".

Huwa evidenti li ma hemm ebda ksur ta' dan l-Artikolu inkwantu jirrizulta mill-atti illi l-mandat kawtelatorju numru 154/2015 inhareg fil-kors ta' proceduri gudizzjarji li ghadhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Apopell. Ghalhekk l-asserzjoni tar-rikorrent li mal-hrug tal-mandat ta' sekwestru kawtalatorju numru 163/15 skatta t-terminu ta' ghoxrin jum ghall-intavolar ta' kawza ma fiha l-ebda fondament legali. Ghalhekk din il-kawzali qed tigi respinta.

**3. Il-Pretensjoni tas-Sekwestranti ghal €30,000 manteniment arretrat tinsab Adegwatament Kawtelata.**

Is-sekwestrat jissottometti illi bis-sentenza taghha tal-4 ta' Dicembru 2014 il-Qorti li ppronunzjat dik is-sentenza kienet fl-istess hin tirrikonoxxi illi l-ammont ta' €30,000 dovut bhala arretrati ta' mantaniment kien adegwatament kawtelat b'sehem is-sekwestrat mid-dar matrimonjali u garaxx. Is-sekwestrat ghalhekk isostni illi s-sekwestranti kellha tistenna jew li s-sentenza tghaddi in gudikat, haga li ghada ma sehhitx peress li hemm appell pendenti, jew tistenna li d-dar matrimonjali u l-garaxx jinbieghu, cirkostanza li wkoll ma sehhitx u jekk ghandha ssehh jehtieg zmien indeterminat sabiex issehh tenut kont tal-proceduri gudizzjarji pendenti. Is-sekwestrat isostni illi una volta fl-atti tal-kawza numru 53/2010AL fl-ismijiet Anton Borg vs Susan Linda Holm Borg il-partijiet kienu qablu illi d-dar matrimonjali u l-garaxx ghandhom valur komplessiv ta' €160,000, allura l-pretensjoni tas-sekwestranti hija adegwatament kawtelata fis-sens kif kontemplat fl-artikolu imsemmi.

Mill-banda l-ohra s-sekwestranti tissottometti illi ghandha kull dritt tikkawtela l-pretensjoni taghha qabel ma s-sentenza tal-prima stanza ssir *res judicata*. Ticcita s-sentenza u ssostni illi skond l-istess sentenza m'ghandiex toqghod tistenna l-bejgh tad-dar matrimonjali sabiex tithallas l-arretrati ta' manteniment dovut tenut

kont li s-sentenza stess tipprovdi illi l-ammont ta' manteniment arretrat dovut ghandu jithallas zmien xahar minn meta s-sentenza ssir *res judicata*. Ghaldaqstant is-sekwestranti tissottometti illi ghandha dritt tiehu dawk il-passi kawtelatorji ghad-disposizzjoni taghha, inkluz mandat ta' sekwestru kawtelatorju, sabiex una volta s-sentenza de quo ssir res judicata tkun f'posizzjoni li l-ammont lilha dovut jithallas.

Ikkunsidrat;

**Artikolu 836 (1) (c)** jipprovdi illi mandat kawtelatorju jista' jigi revokat jekk jirrizulta:-

"*(ċ) li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni;*"

Jirrizulta *prima facie* illi s-sehem indiviz tas-sekwestrat mid-dar matrimonjali u l-garaxx jissupera sostanzjalment l-ammont ta' manteniment arretrat li gie kanonizzat minn din il-Qorti diversament presjeduta bis-sentenza tal-4 ta' Dicembru 2014, liema sentenza hija s-suggett ta' appell pendenti.

Ghal din il-Qorti il-fatt li s-sekwestranti ghandha gia favur taghha sentenza, prezentement appellata, tal-prima stanza li l-likwidat l-ammont ta' manteniment arretrat lilha dovut, ma jfissirx illi s-sekwestranti issa ghandha *mano libera* fir-rigward tal-atti kawtelatorji li tista' titlob pendenti l-appell. Sentenza appellata tal-prim' istanza soggetta ghall-appell naturalment ghandha rilevanza li tkun ikkanonizzat kreditu pretiz ghandha effett fuq talbiet ghar-revoka ta' mandat kawtelatorju fuq il-pretest li l-ammont pretiz huwa esagerat. Mhux l-istess pero' fir-rigward ta' talba ghar-revoka ta' mandat kawtelatorju minhabba li tezisti garanzija adegwata.

Kif gie dikjarat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza "**Stephen Tanti et vs Louis Scerri Montalto et"** moghtija fis-27 ta' Marzu 2015:-

"F'dan il-kaz l-ahwa Tanti ghandhom a favur taghhom mhux biss pretiza izda sentenza – sia pure appellata u allura ma ghaddietx in gudikat – illi kkundannat lir-rikorrenti biex ihallsuhom is-somma ta' tletin elf Euro (€30,000); kwindi ghandhom ghalinqas prima facie dritt li jikkawtelaw dak il-hlas jekk din il-Qorti eventwalment tikkonferma dik is-sentenza. Il-kwistjoni allura quddiem din il-Qorti hija jekk il-hrug tal-mandat kienx mehtieg u jekk inharigx bi skop vessatorju ghaliex ma kellu ebda raguni biex jintalab u lanqas ma ssekwestranti talbu xi garanzija qabel ma talbu l-hrug tieghu. Fuq l-ewwel punt, ir-rikorrenti jghidu illi l-istess proprjeta` li dwarha saret il-kawza kienet tkun sufficjenti biex tissodisfa t-

talbiet tar-rikorrenti. Dan x'aktarx huwa minnu pero` l-istess rikorrenti qatt ma offrew din il-proprjeta` – jew xi proprjeta` ohra – biex jaghmlu tajjeb ghal pretiza tal-ahwa Tanti. Kwindi (u dan jappika wkoll ghat-tieni aggravju) din kienet kwistjoni fejn evidentement dwarha ma sar ebda skambju ta' proposti u huwa car ghall-Qorti li l-intimati, probabilment imdejqa mill-fatt li sar l-appell mis-sentenza msemmija u bid-dewmien konsegwenzjali, talbu l-hrug tal-mandat. Huwa minnu li kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-atti tar-rikors **Tal-General Limited v. Kunsill Lokali Mosta** (24 ta' Frar 2010) "Mandat kawtelatorju jinhareg biex il-kreditur iqieghed fiz-zgur il-jeddijiet tieghu (Artikolu 829 talKap. 12). Ma ghandux jinhareg biex igib l-allegat debitur gharkubbtejh, bid-dovut rigward ghad-drittijiet tal-allegat kreditur illi jekk ikollu indizju car li l-kreditu tieghu jista' jigi eluz (kif kien jinghad fir-rikorsi ghal hrug taghhom antikament u cioe` qabel ir-rikorsi saru formoli apposta) ikun jista jitlob mizuri mahsuba mill-istess ligi biex jipprotegi d-drittijiet tieghu." Madankollu huwa evidenti wkoll li min jahseb li ghandu kreditu, specjalment bhal kaz in ezami fejn addirittura l-allegat kreditur gia` ottjena sentenza mill-ewwel Qorti, ghandu d-dritt illi fil-parametri tal-ligi, jipprova jassigura ruhu li jithallas jekk il-kreditu tieghu jigi kkonfermat mill-Qorti tal-Appell. u huwa evidenti wkoll illi mill-istess argument li ressqu r-rikorrenti, dan il-mandat bl-ebda mod ma "gabhom gharkubbtejhom" ghaliex ghandhom bizzejjed mezzi biex dan ma jigrix."

Eppure f'dik is-sentenza l-Qorti tal-Appell ikkonkludiet illi ghalkemm is-sekwestru kawtelatorju mahrug wara l-ghoti tas-sentenza tal-prima stanza u pendenti l-appell ma kienx gab lis-sekwestrati "gharkubbtejhom", xorta wahda kellhom id-dritt illi jressqu garanzija alternativa u jottjenu r-revoka ta' mandat kawtelatorju mahrug wara s-sentenza appellata u pendenti l-appell.

Lura ghall-kaz odjern, din il-Qorti tosserva, illi matul il-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti is-sekwestranti qatt ma talbet provvediment *interim* sabiex Anton Borg ihallas manteniment *pendente lite* ghall-minuri. Jirrizulta wkoll mill-istess sentenza illi s-sekwestranti Linsa Susan Holm giet kkundannata thallas lil Anton Borg (1) is-somma ta' €10,665.81 rapprezentanti self da parti ta' Angele Borg lil Linda Susan Holm li thallas minn Anton Borg; (2) is-somma ta' €5,753.84 rapprezentanti nofs il-hlas relattiv ghall-facilita' mal-HSBC (Bank) Malta plc ghall-perijodu bejn April 2005 u Gunju 2011; (3) is-somma ta' €2150.59 rapprezentanti nofs l-ispejjez tax-xogholijiet li saru da parti ta' Joseph Borg u Saviour Borg fid-dar matrimonjali, u ammonti ohrajn.

Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi f'dan l-istadju ghandha tiehu in konsiderazzjoni l-ammonti li l-Ewwel Qorti kkundannat lil Linda Susan Holm thallas lil Anton Borg. Din il-Qorti tinnota illi anke fir-rigward ta' dawn l-ammont l-Ewwel Qorti ddikjarat li ghandhom jithallsu "fi zmien xahar mid-data li din is-sentenza tkun res judicata jew inkella minn sehem l-istess intimata mir-rikavat

mid-dar matrimonjali u l-garaxx gewwa l-Mellieha" bl-istess mod kif ikkundannat lil Anton Borg ihallas lil Linda Susan Holm l-arretrati ta' manteniment.

Il-Qorti tosserva wkoll illi l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ma nharigx biss fuq il-kontijiet bankarji tas-sekwestrat izda wkoll fuq is-**salarju kollu** tieghu.

Il-Qorti hi tal-fehma illi l-fatt li sehem is-sekwestrat mid-dar matrimonjali u l-garaxx jissupera bil-bosta l-ammont ta' manteniment arretrat pretiz mis-sekwestranti abbinat mal-fatt illi hemm ammonti sostanzjali li l-Ewwel Qorti illikwidat u ddikjarat li huma dovuti mis-sekwestranti lis-sekwestrat; jwasslu lil din il-Qorti tikkonkludi illi hemm garanzija xierqa sabiex taghmel tajjeb ghall-pretensjoni tas-sekwestranti ai termini tal-Artikolu 836 (1) (c) tal-Kap. 12. Tali garanzija jehtieg li tigi reza enforzabbli permezz ta' ipoteka specjali kif ser jigi aktar 'l isfel deciz.

Fir-rigward tat-talba ghall-penali a tenur tal-Artikolu 836 (8) il-Qorti hi tal-fehma illi ma jirrizultawx l-estremi sabiex il-Qorti tikkundanna lis-sekwestranti ghall-penali hemm kontemplata in kwantu ma rrizultax malizzja u lanqas li t-talba hija frivola jew vessatorja.

**Decizjoni**.

Ghal dawn il-motivi tipprovdi fuq ir-rikors tal-20 ta' Lulju 2015 billi:

1. Tichad it-talba tar-rikorrent ghall-kundanna tal-penali ai termini tal-Artikolu 836 (8) tal-Kap 12.

2. Bis-sahha tal-Artikolu 836 (1) (c) tal-Kap 12 tilqa' t-talba tar-rikorrent ghat-thassir tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 154/15 b'dan illi l-mandat jigi revokat biss wara li r-rikorrent jirregistra ipoteka specjali fuq sehemu indiviz mid-dar matrimonjali u l-garaxx de quo ghas-somma ta' tletin elf ewro (€30,000) bil-kondizzjoni espressa fil-kuntratt de quo li d-dar matrimonjali u l-garaxx de quo huma hielsa minn kull kirja. L-att jigi ppubblikat min-Nutar tal-fiducja tar-rikorrent u l-Qorti tinnomina lill-Avukat Dr Keith Borg sabiex jidher fuq il-kuntratt de quo ghall-eventwali kontumaci, spejjez tal-kuntratt u tal-kuratur a karigu tar-rikorrent Anton Borg.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef** **Deputat Registratur**